# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA
# SEDE KOSTITUZZJONALI

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta**
**Disgħa u għoxrin (29) ta' Settembru 2020**

**Rikors Numru 210/2019 FDP**

Fl-ismijiet

**Stephanie Zammit, karta ta' identita' numru 618761M, Suzanne Ellul Vincenti, karta ta' identita' numru 323264M; Margaret Zammit, karta ta' identita' numru 587852M; Eileen Rebecchi, karta ta' identita' numru 087955M; Sandra Attard, karta ta' identita' numru 199959M u Catherine Zammit karta ta' identita' numru 460040M**

**Vs**

**L-Awtorita' tal-Artijiet u L-Avukat Ġenerali u, b'digriet mogħti fid-29 ta' Jannar 2020, l-atti tal-Avukat Ġenerali ġew assunti mill-Avukat tal-Istat.**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 28 ta' Ottubru 2019, li permezz tiegħu r-rikorrenti talbu s-segwenti:

> *1. Illi l-atturi Stephanie Zammit, Suzanne Ellul Vincenti, Margaret Zammit, Eileen Rebecchi u Sandra Attard huma ko-propretarji ta' kwint tal-biċċa art de quo, filwaqt illi l-attriċi Catherine Zammit għandha sehem ta' żewġ partijiet minn ħamsa (2/5) minn biċċa art li qiegħda f'San Ġiljan, u li kellha kejl ta' elfejn, mitejn u tletin punt erbgħa (2287.8) metri kwadri.*
>
> *2. Illi din il-biċċa art ġiet ddikjarata li hija meħtieġa mill-Gvern in konnessjoni mal-kostruzzjoni tas-Sliema Regional Road. Illi din il-biċċa art*

*ttieħdet mill-Gvern ta' Malta permezz ta' Dikjarazzjoni tal-Gvernatur datata 22 ta' Ġunju 1964.*

*3. Illi fil-15 ta' April 1964, il-Kummissarju tal-Artijiet stima li din l-art kellha valur ta £289.9.0, Illi l-Avviż ta' ftehim ġie ppreżentat fit-3 ta' Settembru 1966, u n-notifika tad-Dikjarazzjoni tal-Gvernatur saret ukoll fit-3 ta' Settembru 1966;*

*4. Illi wara tlieta u ħamsin (53) sena l-atturi ma rċevew l-ebda kumpens u naturalment ma sar l-ebda kuntratt definittiv. Illi l-atturi ottjenew valutazzjoni ta' din il-biċċa art, li saret mill-Perit Gorg Cilia, liema biċċa art ġiet stmata li għandha valur ta' ċirka tlett miljuni, erbgħa mija u tletin elf euro (€ 3,430,000);*

*5. Illi dan d-dewmien, jikkostitwixxi ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem reża applikabbli f'Malta fl-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kapitolu 319) u jikkostitwixxi wkoll ksur tal-Artikolu 1 Protokol 1 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem;*

*6. Illi n-nuqqas ta' ħlas ta' kumpens wara tlieta u ħamsin sena, għal art li l-Gvern ħa l-pussess tagħha fis-snin sittin, u li kienet kruċjali għall-iżvilupp ta' dan il-pajjiż, jikkostitwixxi ksur tal-Artikolu 6 ta' Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Artikolu 1 Protokol 1 tal-Konvenzjoni Ewropea minħabba l-fatt li ma sar ebda ħlas lis-sidien;*

*7. Illi dan l-aġir tal-Awtorita' ntimata bi ksur tad-drittijiet tal-bniedem fuq indikati qed jirreka danni materjali minħabba telfien ta' imgħaxijiet fuq il-kumpens adegwat li kieku dan tħallas fi żmien raġjonevoli;*

*Għaldaqstant l-atturi jitolbu umilment lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha:*

i) *Tiddikjara li l-fatti kif premessi jammontaw għal ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Artikolu 1 tal-Protokol 1 tal-istess Konvenzjoni, da parti tal-Awtorita' intimata;*

ii) *Tordna lill-Awtorita' intimata sabiex fi żmien qasir u perentorju tersaq għal publikazzjoni tal-att sabiex tiġi trasferita l-art mill-atturi lill-Awtorita' intimata u dan bil-prezz tal-valur tal-istess art li jiġi likwidat minn din il-Qorti jekk hemm bżonn permezz ta' ħatra ta' periti tekniċi u tinnomina nutar sabiex jippublika l-att u/jew atti fil-ħin u post li jiġi ndikat minn din l-Onorabbli Qorti u jiġu nominati kuraturi deputati għall-assenti;*

iii) *Tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex jitwettqu u tiżgura t-twettiq tad-drittijiet fuq imsemmija, inkluż il-ħlas ta' danni materjali minħabba telf ta' qligħ fuq il-fatt illi ma sarx il-ħlas tal-kumpens adegwat fi żmien raġjonevoli, u danni mhux pekunjarji għall-ksur tad-drittijiet fuq imsemmija.*

*Bl-ispejjeż u bl-imgħax ta' 8% fuq kull ammont likwidat minn din il-Onorabbli Qorti mil-lum sal-effettiv pagament kontra l-Awtorita' intimata li minn issa hija nġunta għas-subizzjoni.*

2. Rat illi fil-11 ta' Novembru 2019 l-**Avukat Ġenerali** irrisponda għal dak mitlub billi qajjem is-segwenti difiżi:

*1. Illi l-ewwel u qabel kollox, ir-rikorrenti jridu jiddeċiedu kif ser jistradaw l-kawża jekk hux skond il-proċediment b'rikors ġuramentat ai termini tal-Artikoli 154 et seq. tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jew ai termini tar-Regolamenti numru 2 et seq. tar-Regoli dwar il-Prattika u l-Proċedura tal-Qrati tal-Bon Ordni (L.S. 12.09) u l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni;*

*2. Illi preliminarjament ukoll, in kwantu l-esponent la għandu u lanqas qatt kellu l-mansjoni li jesproprja artijiet, kif anki jidher minn eżami tar-rikors promotur fejn ma hemm ebda allegazzjoni imputabbli lilu, l-Avukat Ġenerali mhuwiex il-leġittimu kontradittur f'dawn il-proċeduri skont l-Artikolu 181B tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta u konsegwentement għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju;*

*3. Illi preliminarjament ukoll, ir-rikorrenti ma utilizzawx il-mezzi ordinarji li kellhom a disposizzjoni tagħhom sabiex jattakkaw Gvernatur u għalhekk din l-Onorabbli Qorti hija umilment mitluba biex ma tinqedhiex bis-setgħat konvenzjonali tagħha skont il-proviso tal-artikolu 4(2) tal- Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta;*

*4. Illi dejjem in linea preliminari u mingħajr preġudizzju għall-premess u għall-eċċezzjonijiet fil-mertu, in kwantu l-azzjoni tar-rikorrenti hija bbażata fuq l-allegat ksur tal-Artikolu 6 u tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni dwar il-Ħarsien tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem, l-azzjoni odjerna hija inammissibbli ratione temporis fit-termini tal-artikolu 7 tal-Kap 319 li jipprovdi li l-ebda allegat ksur tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali mwettaq qabel it-30 ta' April 1987 ma għandu jagħti lok għat-teħid ta' azzjoni taħt l-artiklu 4 ta' dak l-Att u dan in vista tal-fatt li skont ir-rikors promotur, il-biċċa art ittieħdet mill-Gvern ta' Malta permezz ta' Dikjarazzjoni tal-Gvernatur datata 22 ta' Ġunju 1964;*

*5. Illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda peress li huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan għar-raġunijiet segwenti li qed jiġu hawn elenkati mingħajr preġudizzju għal xulxin:*

a. *Ir-rikorrenti għandhom iġibu prova ċara li huma kienu l-proprjetarji tal-art in kwistjoni;*
b. *Illi mir-rikors ma jirriżultax li r-rikorrenti qatt ikkontestaw l-istima tal-Kummissarju tal-Artijiet tal-15 ta' April 1964;*
c. *Illi ma jidhirx li r-rikorrenti qed jikkontestaw il-fatt li l-art ittieħdet għal skop pubbliku u saħansitra qed isostnu kemm din l-art kienet kruċjali għall-iżvilupp ta' dan il-pajjiż u għalhekk tali esproprju żgur li*

*ma jvvjolax id-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif protetti bl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea. Fil-fatt skont il-proviso ta' dan l-istess artikolu, l-Istat għandu kull dritt li jwettaq dawk il-liġijiet li jidhirlu xierqa sabiex jikkontrolla l-użu tal-proprjetà skont l-interess ġenerali u għall-ħarsien ta' miżuri meħudin għall-ħarsien tal-interess ġenerali;*

d. *Illi kwalunkwe kumpens dovut lir-rikorrenti mill-Awtorità intimata ma għandux ikun ibbażat fuq il-valur tal-proprjetà fil-preżent iżda bbażat fuq il-valur tal-art fiż-żmien meta din ittieħdet mill-Gvern;*

e. *Illi r-rikorrenti ħallew ħafna snin jgħaddu sakemm infetħu dawn il-proċeduri. It-trapass ta' dan iż-żmien kollu jitfa' dubji serji kemm effettivament ir-rikorrenti ħassewhom aggravati u kwindi kwalunkwe kumpens li jista' qatt jingħata lir-rikorrenti, għandu jiġi kkalkulat fid-dawl ta' dan il-fatt ukoll;*

6. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*GĦALDAQSTANT, l-esponent jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad il-pretensjonijiet kollha tar-rikorrenti kif dedotti fir-rikors promotur tagħhom u dan bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti.*

3. Rat illi fil-25 ta' Novembru 2019 l-Awtorita' tal-Artijiet intimata irrispondiet għal dak mitlub billi qajjmet is-segwenti difiżi:

1. *Illi preliminarjament l-atturi kellhom jeżerċitaw ir-rimedju ordinarju disponibbli lilhom ai termini tal-Kapitolu 573 tal-Liġijiet ta' Malta;*
2. *Illi preliminarjament u mingħajr preġudizzju għas-suespost l-inammissabilita'* ratione temporis *ta' kull talba dwar allegat ksur ta' l-artikolu 6 ta' l-Ewwel Artikolu ta' l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni dwar il-Ħarsien tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kap. 319;*
3. *Illi preliminarjament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, kemm-il darba f'din l-azzjoni qed tiġi ravviżat xi ksur tal-Kostituzzjoni ta' Malta, dawn it-talbiet ma jistgħux jirnexxu peress illi l-għemil kollu magħmul ai termini ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kap. 88) huwa mħares bl-applikazzjoni ta' Artikolu 47(9) tal-Kostituzzjoni ta' Malta;*
4. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, sabiex l-atturi jipproponu din il-kawża, l-atturi jridu jipprovaw li huma sidien l-proprjeta' in kwistjoni;*
5. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-atturi naqsu milli jinterpellaw lill-Gvern tul dawn is-snin u jsegwi għalhekk li l-Awtorita' tal-Artijiet ma għandhiex tkun ħatja ta' xi dewmien;*
6. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-atturi jridu juru kif sofrew l-allegat ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u f'kull każ ma jista' qatt tikkonfigura lanjanza taħt l-istess artikolu;*
7. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-atturi qatt ma ħadu passi ċivili*

*kontra l-Awtorita' konvenuta għal xi allegat mankanza da parti tal-istess Awtorita' konvenuta;*

8. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-atturi huma kawża tad-dewmien kkrejat minnhom u dan kif ser jiġi muri fil-mori tal-kawża;*
9. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, uħud mit-talbiet attriċi huma legalment improponibbli skont il-liġijiet viġenti senjatament tal-Kapitolu 573 tal-Liġijiet ta' Malta;*
10. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, kull kumpens dovut lir-rikorrenti mill-eċċipjenti ma għandux ikun ibbażat fuq il-valur tal-proprjeta' tal-lum iżda fuq il-valur tal-proprjeta' fiż-żmien meta din ittieħdet mill-Gvern u dan anke skont il-liġi;*
11. *Illi l-atturi jridu juru x'valur stmaw l-art l-atturi meta għamlu l-causa mortis;*
12. *Illi f'kull każ, it-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt;*
13. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri;*
14. *Bl-ispejjeż.*

4. Rat illi fis-26 ta' Novembru 2019, fuq talba tal-Awtorita' tal-Artijiet, il-Qorti invertiet il-provi sabiex tiġi kkunsidrata l-ewwel eċċezzjoni tal-Awtorita' tal-Artijiet kif ukoll it-tielet eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat, li huma l-istess.

5. Rat illi fid-29 ta' Jannar 2020 ġiet ippreżentata kopja informali tal-Avviż tal-Ftehim ippreżentat mill-Kummissarju tal-Artjiet datat 3 ta' Settembru 1966 u risposta illi saret fis-16 ta' Settembru 1966.

6. Rat illi fid-29 ta' Jannar 2020, il-kawża tħalliet għas-sottomissjonijiet finali bil-miktub dwar l-eċċezzjoni fuq imsemmija.

7. Rat is-sottomissjoni bil-miktub tal-Awtorita' tal-Artijiet illi ġiet ippreżentata fl-20 ta' Mejju 2020.

8. Rat is-sottomissjonijiet bil-miktub tar-rikorrenti ippreżentata fl-24 ta' Lulju 2020.

9. Rat illi fis-6 ta' Lulju 2020 il-kawża tħalliet għas-sentenza dwar l-ewwel eċċezzjoni tal-Awtorita' kif ukoll it-tielet eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat.

**Ikkunsidrat**

10. Jirriżulta, mill-provi prodotti, illi l-kawża odjerna tirrigwarda biċċa art, ġewwa San Ġiljan, tal-kejl ta' 2,287.8 metri kwadri illi ttieħdet mill-Gvern tal-ġurnata fit-22 ta' Ġunju 1964 permezz ta' Dikjarazzjoni tal-Gvernatur Ġenerali u li ntużat bħala parti mill-proġett tar-Regional Road.

11. Jirriżulta illi r-rikorrenti Catherine Zammit tikkontendi illi hija propretarja ta' 2/5 ta' dina l-art filwaqt illi r-rikorrenti l-oħra jikkontendu illi huma, flimkien, propretarji ta' 1/5 oħra ta' tali art – għalhekk ir-rikorrenti jikkontendu illi huma sidien ta' 3/5 ta' tali art.

12. Jirriżulta mhux ikkontestat illi permezz ta' Avviż għall-Ftehim ippreżentat quddiem il-Board ta' l-Arbitraġġ fit-3 ta' Settembru 1966, il-Kummissarju tal-Art, dak iż-żmien, kien offra mitejn, disgħa u tmenin lira u disa xelini (£289.9.0) għal tali art.

13. Jirriżulta ukoll mhux ikkontestat illi, madanakollu, l-antenati tar-rikorrenti oġġezzjonaw għal tali offerta u, permezz ta' nota ppreżentata fis-16 ta' Settembru 1966, huma ippretendew kumpens ta' erbat elef, disgħa mija u erbgħin Lira (£4,940).

14. Jirriżulta illi ftehim qatt ma ntlaħaq u kumpens qatt ma ngħatat lill-antenati tar-rikorrenti kif ukoll ir-rikorrenti stess.

15. Jirriżulta illi, eventwalment, ir-rikorrenti intavolaw il-proċeduri odjerni fis-sena 2019 u ma nġiebet ebda prova li turi illi ttieħdet xi azzjoni quddiem il-Bord tal-Arbitraġġ għajr għall-proċeduri illi kienu saru fis-sena 1966.

**Ikkunsidrat**

16. Jirriżulta illi kemm l-Awtorita' tal-Artijiet kif ukoll l-Avukat tal-Istat, qajjmu bħala difiża preliminari, l-argument illi r-rikorrenti ma kinux eżawrew ir-rimedji kollha lilhom pprovduti qabel ma ressqu l-ilment tagħhom bħala lment ta' natura Kostituzzjonali stante illi r-rikorrenti kellhom jressqu t-talba tagħhom quddiem il-Bord tal-Arbitraġġ skond l-Att dwar l-Artijiet tal-Gvern, Kap 573.

17. Jirriżulta, mill-banda l-oħra, illi r-rikorrenti jinsistu illi huma ma kellhom ebda rimedju ieħor biex jiġu kumpensati għal espropriazzjoni illi seħħet aktar minn ħamsin sena ilu, stante illi għaddew aktar minn tletin sena u għalhekk azzjoni għal kumpens abbażi tal-Att dwar Artijiet tal-Gvern ma huwiex aktar possibbli.

**Ikkunsidrat**

18. Il-Qorti tosserva, l-ewwel u qabel kollox, illi kif qalet dina l-Qorti, diversament ippresjeduta, fid-deċiżjoni fit-18 ta' Mejju, 2006, fir-rikors numru 7/2006 TM fl-ismijiet **Nardu Balzan Imqareb *vs.* Reġistratur tal-Qrati tal-Ġustizzja**:

    *"Rikorsi kostituzzjonali huma, min-natura tagħhom, speċjali u straordinarji, u meta s-sistema ordinarja ta' ridress tipprovdi mod ta' soluzzjoni effettiva, dik is-sistema ordinarja trid tiġi użata u addottata qabel ma l-Gvern, jew l-amministrazzjoni tagħha, jiġi akkużat bi ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu. Ma jistax jingħad li l-Gvern ikun kiser id-drittijiet fundamentali taċ-ċittadin, meta liċ-ċittadin ikun provdut u hemm disponibbli għalih rimedji għal-lanjanzi tiegħu".*

19. Kif sewwa ikkummenta il-ġurist Dr Tonio Borg fil-ktieb tiegħu "**A commentary on the Constitution of Malta**", paġna 263,

*"Allowing human rights actions when available adequate remedies are available, also trivialises the special procedure of alleging human rights violations."*

20. Jirriżulta, għalhekk, illi dina l-Qorti trid tevalwa fir-reqqa jekk ir-rikorrenti kellhom rimedju ordinarju ieħor li setgħu jadoperaw fil-mument illi intavolaw il-proċeduri odjerni fit-28 ta' Ottubru 2019.

21. Fil-kawża **Maria sive Marthese Attard pro et -vs- Policy Manager tal-Malta Shipyards et** deċiża fil-11 ta' April 2011, dina l-Qorti, diversament presjeduta, għamlet rendikont tal-elementi li għandhom jiġu kkunsidrati meta difiża dwar rimedju ordinarju tiġi mressqa, fejn dik il-Qorti għamlet is-segwenti osservazzjonijiet:

*(a) L-esistenza ta' rimedju ieħor trid titqies fil-kuntest tal-allegat ksur tad-dritt fondamentali. Għandu jkun rimedju aċċessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza dak il-ksur. Fl-istess waqt, m'hemmx għalfejn li, biex jitqies bħala effettiv, ikun jirriżulta li r-rimedju sejjer jagħti lir-rikorrent suċċess garantit. Huwa biżżejjed li jintwera li jkun wieħed li jista' jiġi segwit b'mod prattiku, effettiv u effikaċi.*

*(b) Meta jidher ċar li jeżistu mezzi ordinarji disponibbli biex jikseb rimedju għall-ilment tiegħu, ir-rikorrent għandu jirrikorri għal dawk il-mezzi, qabel ma jirrikorri għar-rimedju kostituzzjonali, u huwa biss wara li jkun fittex dawk il-mezzi jew wara li jidher li dawk il-mezzi ma jkunux effettivament disponibbli li għandu jintuża r-rimedju kostituzzjonali.*

*(c) Għandha torbot id-diskrezzjoni tal-Qorti biex tqis jekk għandhiex twettaq is-setgħat tagħha li tisma' kawża ta' natura kostituzzjonali, sakemm ma tinġiebx xi raġuni serja u gravi ta' illegalita', inġustizzja jew żball manifest fl-użu tagħha.*

*(d) Ma hemm l-ebda kriterju pre-stabbilit dwar l-użu ta' din id-diskrezzjoni, għaliex il-kriterju rilevanti huma l-fatti u ċ-ċirkostanzi tal-każ de quo. Mela fil-konsiderazzjoni ta` dawn il-fatti u ċirkostanzi, huwa aċċettabbli grad ta` flessibilita` minn naħa waħda u formaliżmu mill-inqas min-naħa l-oħra. Fit-twettieq tad-diskrezzjoni li din il-Qorti għandha skond il-liġi, ma hemm xejn assolut u lanqas awtomatiżmi propju għaliex iċ-ċirkostanzi partikolari ta` kull każ jibqa' l-kriterju rilevanti.*

*(e) In-nuqqas waħdu ta' teħid ta' mezzi ordinarji mir-rikorrent mhuwiex raġuni biżżejjed biex Qorti ta' xejra kostituzzjonali tiddeċiedi li ma tużax is-setgħat tagħha li tisma' l-ilment, jekk jintwera li l-mezzi ma kinux tajbin biex joffru rimedju sħiħ lir-rikorrent.*

*(f) In-nuqqas ta' teħid ta' rimedju ordinarju – ukoll jekk seta' kien għal kollox effettiv biex jindirizza l-ilment tar-rikorrent, minħabba l-imġieba ta' ħaddieħor, m'għandux ikun raġuni biex il-Qorti ma teżerċitax is-setgħat tagħha li tisma' l-ilment kostituzzjonali tar-rikorrent.*

*(g) L-eżerċizzju minn Qorti (tal-ewwel grad) tad-diskrezzjoni tagħha bla ma tistħarreġ il-materja neċessarja li fuqha tali diskrezzjoni għandha titwettaq, jagħti lil Qorti tat-tieni grad is-setgħa li twarrab dik id-diskrezzjoni.*

*(h) Meta r-rimedju jaqa' fil-kompetenza ta' organu ieħor jew meta s-smigħ tal-ilment tar-rikorrent sejjer iwassal biex l-indaġni ġudizzjarja u l-proċess l-ieħor tas-smigħ tar-rimedju ordinarju jkunu duplikazzjoni ta' xulxin, il-qorti kostituzzjonali għandha ttendi lejn ir-rifjut li tuża s-setgħat tagħha kostituzzjonali, sakemm l-indaġni ġudizzjarja tal-każ ma tkunx, minn natura tagħha, ixxaqleb iżjed lejn kwistjoni kostituzzjonali.*

*(i) Fuq kollox, l-użu tad-diskrezzjoni għandha tiġi eżerċitata bi prudenza, u b'mod li fejn jidher li hemm ksur serju ta' drittijiet fondamentali jew anke fejn sejjer ikun hemm ksur ta` dawk id-drittijiet, allura l-Qorti għandha xxaqleb lejn it-twettiq ta' dawk is-setgħat.*

## Ikkunsidrat

22. Applikati l-prinċipji fuq elenkati għall-proċeduri odjerni, il-Qorti tgħaddi biex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha.

23. Jirriżulta, mill-provi prodotti, illi permezz ta' abbozz ta' Avviż ta' Ftehim datat 3 ta' Settembru 1996 ippreżentat mill-Kummissarju tal-Artijiet fil-Bord ta' l-Arbitraġġ, medda ta' art deskritta bħala ġewwa "*San Ġiljan, tal-kejl ta' ħames mija u wieħed u għoxrin qasab kwadri li tmiss mill-Majjistral ma' propjeta' tas-Sur Joseph Scicluna, mix-Xlokk in parti ma' propjeta' tas-Sur Edwin England Sant Fournier A&CE u tas-Sur Richard England Sant Fournier A&CE u in parti ma' propjeta' tal-House Building Group u mill-Lvant u mill-Punent ma' parti rimanenti ta' l-art li minnha tagħmel parti*" ittieħdet mill-Gvern mingħand is-sidien tagħha u kien qed jiġi offrut kumpens ta' Liri Sterlini mitejn u disgħa u tmenin Lira u disgħa xelini (£289.9.0).

24. Għalkemm mhux konfortata b'dokumentazzjoni f'dak is-sens, ir-rikorrenti jikkontendu illi tali art ittieħdet permezz ta' Dikjarazzjoni tal-Gvernatur ta' Malta, liema Dikjarazzjoni saret fit-**22 ta' Ġunju 1964**, liema fatt ma ġiex miċħud mill-intimati.

25. Jirriżulta fatt mhux ikkontestat illi l-antenati tar-rikorrenti irrifjutaw il-kumpens lilhom offrut u, minn dakinhar 'l hawn, ebda kumpens ma ngħata għat-teħid ta' tali art.

26. Jirriżulta wkoll illi r-rikorrenti ma ħadu ebda proċeduri oħra in konnessjoni ma' tali teħid.

27. Jirriżulta illi, permezz tal-proċeduri odjerni r-rikorrenti qegħdin jitolbu, 'l hinn mid-dikjarazzjoni ta' ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u Artikolu 1 tal-Protokol, illi l-Qorti tordna wkoll is-segwenti:

    a. Li l-Awtorita' tersaq għall-pubblikazzjoni u trasferiment tal-art, versu prezz li jiġi hekk likwidat minn Perit tal-Qorti;
    b. Li tordna l-ħlas ta' danni materjali minħabba telf ta' qliegħ;
    c. Li tordna l-ħlas ta' danni mhux pekunjarji in vista tal-ksur tad-drittijiet tagħhom.

28. Jirriżulta illi l-intimati qed jikkontendu illi r-rikorrenti għandhom dritt jitolbu dan lill-Bord tal-Arbitraġġ a tenur tal-Artikolu 65 tal-Kap 573, ossija l-Att dwar Artijiet tal-Gvern, liema artikolu, fl-ewwel subartikolu tiegħu, jipprovdi illi:

    *Kull min juri li huwa sid b'titolu validu ta' proprjetà fuq art li dwarha tkun inħarġet dikjarazzjoni u li dwarha jkun inħareġ ukoll avviż ta' ftehim skont l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet Għal Skopijiet Pubbliċi, jista' jipproċedi quddiem il-Bord tal-Arbitraġġ sabiex jitħallas il-kumpens jekk dan ikun baqa' ma tħallasx mill-awtoritajiet kompetenti.*

29. Jirriżulta illi, a tenur tas-subartikolu (7) ta' l-istess Artikolu, l-Bord tal-Arbitraġġ għandu d-dritt illi jagħti lil min jutilizza tali proċedura:

    *Barra mill-kumpens għall-akkwist tal-art kif stabbilit f'dan l-artikolu, is-sid jista' jitlob ukoll lill-Bord tal-Arbitraġġ sabiex jillikwida u jordna lill-awtorità tħallsu kemm danni materjali kif ukoll danni morali minħabba d-dewmien biex sar l-akkwist.*

30. Jirriżulta illi l-intimati jikkontendu illi r-rikorrenti kellhom jipproċedu bit-talba tagħhom quddiem il-Bord tal-Arbitraġġ u, la darba huma naqsu milli jagħmlu dan, huma ma eżawrewx ir-rimedji kollha a disposizzjoni tagħhom.

31. Jirriżulta illi, mal-qari ta' tali Artikolu, wieħed jista' jingħata x'jifhem illi r-rikorrenti kellhom d-dritt illi jagħmlu t-talba meritu tal-kawża odjerna quddiem il-Bord tal-Arbitraġġ.

32. Jirriżulta, madanakollu, illi qari aktar akkurat tal-artikolu juri, madanakollu, illi r-rikorrenti huma attwalment preklużi milli jagħmlu dan.

33. Jirriżulta, di fatti, illi l-Leġislatur, fl-għerf tiegħu, ħass illi kellu jipprovdi, fis-subartikolu (8) ta' l-istess Artikolu, li:

    *Iż-żmien perentorju indikat fl-artikolu 63(6) biex titressaq l-azzjoni jgħodd mutatis mutandis għall-azzjoni taħt dan l-artikolu.*

34. Jirriżulta illi l-Artikolu 63 (6) tal-Kap 573 jipprovdi dwar sa meta tali azzjoni tista' ssir:

    *Kull persuna titlef il-jedd ta' azzjoni skont dan l-artikolu jekk hija tonqos milli tipproċedi fi **żmien tletin sena minn meta tkun inħarġet id-dikjarazzjoni**, b'dana li jekk meta jidħol fis-seħħ dan l-Att jkunu ġa għaddew ħamsa u għoxrin sena minn meta tkun inħarġet id-dikjarazzjoni, l-azzjoni għandha titmexxa sa mhux aktar tard minn ħames snin minn meta jidħol fis-seħħ dan l-Att. Dawn il-perjodi huma perentorji u ma jistgħux jiġġeddu.*

35. Jirriżulta illi, a tenur ta' 63 (3), kull azzjoni ikkontemplata fl-Artikolu 65, li għalih jagħmlu referenza l-intimati, tista ssir **biss**, sa żmien **tletin sena** minn meta tkun inħarġet id-dikjarazzjoni.

36. Tenut kont illi d-dikjarazzjoni ħarġet fit-22 ta' Ġunju 1964, fil-mument illi daħal fis-seħħ l-Att dwar Artijiet tal-Gvern (Kap 573), ossija 25 ta' April 2017, ir-rikorrenti kienu ġia preklużi milli jagħmlu kwalsiasi azzjoni quddiem il-Bord tal-Arbitraġġ, w il-Leġislatur ma pprovda ebda rimedju xieraq u effettiv lir-rikorrenti sabiex jingħataw il-kumpens lilhom dovut.

37. Jirriżulta ċar, għalhekk, illi fil-każ odjern, l-intimati ma jistgħux jinsistu li r-rikorrenti ma eżawrewx ir-rimedji ordinarji tagħhom, stante illi r-rikorrenti, fil-mument illi r-rimedju kkontemplat fil-Kap 573 daħal in vigore, il-Leġislatur għażel illi jipprovdi li tali rimedju ma kienx applikabbli għalihom in vista tat-trapass ta' tletin sena mit-teħid tal-art mingħajr kumpens.

38. Jirriżulta, għalhekk, illi r-rikorrenti ma kellhom ebda mezz ieħor sabiex jingħataw rimedju għajr illi li jirreferu l-kwistjoni lil Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali).

## Decide

39. Ikkunsidrati l-fatti kif fuq stabbiliti, jirriżulta illi l-ewwel eċċezzjoni tal-intimata Awtorita' tal-Artijiet kif ukoll it-tielet eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat ma jistgħux jiġu kkunsidrati favorevolment u għalhekk;

40. Il-Qorti qiegħda tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-intimata Awtorita' tal-Artijiet kif ukoll it-tielet eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat fejn irrilevaw illi r-rikorrenti ma kinux eżawrew il-mezzi ordinarji tagħhom u għalhekk;

41. Qiegħda tordna t-tkomplija tal-provi rikorrenti.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
Imħallef

**Rita Sciberras**
Deputat Reġistratur